L-Università ta' Malta

MATSEC Examinations Board
University of Malta
Msida MSD 2080, Malta

Tel: +356 2340 2814/5/6
matsec@um.edu.mt

www.um.edu.mt/matsec

**From:** Dario Pirotta
Director, MATSEC Support Unit

**To:** College Principals
Heads of School

**Subject:** SEC Maltese 2025 and 2026

**Date:** 1 August 2024

---

B'rabta maċ-ċirkulari li ħarġet fi Frar li għadda, il-Bord tal-MATSEC jixtieq javża li għas-sessjonijiet Prinċipali kif ukoll Supplimentari tal-2025 u 2026 biss, se joħorġu mistoqsijiet fuq il-ktieb 'Bejn Ħaltejn' u l-kandidat jista' jwieġeb lilhom minflok il-mistoqsijiet fuq il-ktieb 'Hemm Art fil-Folja'.

Il-karta tal-eżami se tkun b'dan il-format li gej:

Fl-ewwel Karta Controlled (livell 1-2-3), fit-Taqsima D tal-Letteratura, apparti r-referenza għall-kuntest fuq il-ktieb 'Hemm Art fil-Folja' kif jindika s-sillabu u l-karta mudell, se jkun hemm ukoll referenza għall-kuntest fuq test letterarju minn 'Bejn Ħaltejn'. Dan l-eżerċizzju bħal dak ta' 'Hemm Art fil-Folja' se jkollu 7 mistoqsijiet, bl-aħħar mistoqsija tkun tirrikjedi tweġiba ta' 100 kelma. It-taqsima se tkun ta' 20 marka skont kif diġà jindika s-sillabu.
Fit-Tieni Karta Controlled (livell 1-2), fit-Taqsima D tal-Letteratura, it-taħriġ fuq test mhux imħejji li jiswa 10 marki se jibqa' kif inhu għall-kandidati kollha kif jindika s-sillabu u l-karta mudell. Fil-komponiment letterarju apparti 2 mistoqsijiet fuq 'Hemm Art fil-Folja' se jkun hemm ukoll 2 mistoqsijiet fuq 'Bejn Ħaltejn' fejn il-kandidat irid jagħżel titlu 1 u jikteb 150 kelma, Il-komponiment letterarju se jkollu wkoll 12-il marka xorta waħda.
Fit-Tieni Karta Controlled (livell 2-3), fit-Taqsima D tal-Letteratura, it-taħriġ fuq test mhux imħejji li jiswa 10 marki se jibqa' kif inhu għall-kandidati kollha kif jindika s-sillabu u l-karta mudell. Fil-komponiment letterarju apparti 2 mistoqsijiet fuq 'Hemm Art fil-Folja' se jkun hemm ukoll 2 mistoqsijiet fuq 'Bejn Ħaltejn' fejn il-kandidat irid jagħżel titlu 1 u jikteb 200 kelma, Il-komponiment letterarju se jkollu wkoll 12-il marka xorta waħda.

Nitolbukom tgħaddu din iċ-ċirkulari lill-edukaturi kollha kif ukoll lill-istudenti tas-Sena 11, tas-Sena 10 u tas-Sena 9.